



Brussell, 6 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5274/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0350(NLE)

---

---

ESPACE 5  
EEE 2  
RECH 10  
COMPET 35  
IND 18  
EU-GNSS 2  
TRANS 8  
AVIATION 2  
MAR 3  
TELECOM 10  
MI 25  
CSC 32  
CSCGNSS 2  
CSDP/PSDC 25  
AELE 3

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL .../...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar tal-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda  
li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Iżlanda  
fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni  
u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura,  
u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM  
u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Diċembru 2023, l-Iżlanda esprimiet l-interess formali tagħha li tibda negozjati dwar ftehim bil-ħsieb li tipparteċipa fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura.
- (2) Fil-25 ta' Frar 2025, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jistabbilixxi r-regoli għall-parteeċipazzjoni tal-Iżlanda fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (il-“Ftehim”). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fis-16 ta' Ġunju 2025.
- (3) L-Iżlanda għandha kooperazzjoni fit-tul mal-Unjoni fil-qasam tal-ispazju, u qed tipparteċipa f'diversi komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.
- (4) L-Unjoni u l-Iżlanda kkonkludew ftehim dwar proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Iżlanda u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 184, 6.7.2006, p. 35, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2006/467/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2006/467/oj)).

- (5) Minn perspettiva ġeopolitika, il-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-komponent tal-GOVSAATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u l-aċċess tal-Iżlanda hhal servizzi ta' GOVSAATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, se tikkontribwixxi għat-tiżiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur globali u se tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali kif definit fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa. Ftehim mal-Iżlanda jsaħħaħ il-postura strateġika tal-Unjoni, li hija objettiv tal-Istrateġija Spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim<sup>2+</sup>.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>2</sup> It-test tal-Ftehim għandu jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni fil-konklużjoni tiegħu.  
<sup>+</sup> Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokument ST 5275/26.